**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Niko Zammit**

**Illum 21 ta' Frar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Niko Zammit** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 170193(M) billi huwa akkuzat talli matul ix-xahar ta' Jannar 2020, gewwa l-istabbiliment Eurosport, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' diversi hwejjeg u/jew oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-Mezz u sar ghad-detriment ta' Eurosport u/jew ta' persuna jew persuni u/jew ta' entita jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma' Niko Zammit bhala recidiv ta' sentenzi li saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-imputat mhux assistit fuq ghazla tieghu anke meta l-Qorti spjegatlu bid-dritt tieghu, tenna li huwa ħati ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputat, l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja jew pekunarja stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261(b), 263, 264, 278(1), 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda bl- applikazzjoni tal-

Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lura lil Kumpanija Eurosport s-somma ta' €550.80 fi zmien sitt xhur millum.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli.

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur